**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Mejju 2023**

**Rikors nru : 224/2023 AGV**

**P S u**
**JS**
**vs**
**X**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors ta' PS u JS datat 20 ta' April 2023:**

Jesponu bir-Rispett;

1) Illi l-partijiet izzewgu fid-disgha u ghoxrin ta’ Lulju tas-sena elf disa’ mija disgha u tmenin (29/07/1989) fil-Knisja ta’ San Guzepp Haddiem ta’ Santa Venera. Anness ic-certifikat taz-zwieg (Dok 'A');

2) Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg subien, L , li twieled fil-hamsa ta’ Mejju elf disa’ mija u disghin, (05/00/1990), u I , li twieled fit-tletin ta’ Novembru tas-sena elf disa’ mija wiehed u disghin (30/11/1991), ahwa Spiteri, u ghalhekk illum it-tnejn maggiorenni.

3) Illi l-partijiet isseparaw minn xulxin permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali, in atti tan-Nutar Dottor, Rueben Debono, datat il-hamsa ta’ Dicembru tas-sena elfejn u hamsa (05/12/2005). Kopja tal-kuntratt ta’ separazzjoni thija esebita u mmarkata bhala Dok ‘B’;

4) Illi llum il-gurnata m’hemm ebda prospett ragonevoli li l-partijiet jirrikonciljaw, u dan stante li l-istess partijiet ilhom separati minn xulxin ghal aktar minn ghaxar snin sena;

5) Illi, in oltre, ma hemm l-ebda pendenza rigward il-manteniment f’dan l-istadju u dan stante li l-partijiet iddekadew ghall-manteniment fil-konfront ta’ xulxin kif hemm stipulat fl-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni. Fir-rigward tal-ulied il-partijiet qeghdin jiddikjaraw li ma hemm l-pendenza ta’ manteniment;

6) In oltre, qieghed jigi pprezentat l-Affidavit ta’ PS liema Affidavit jinsab esebit u mmarkat bhala Dok. ‘C’, mentri l-Affidavit ta’ JS u mmarkat bhala Dok. ‘D’;

7) Illi l-partijiet jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi maħlul. Għal dan il-għan huma qegħdin jagħtu struzzjonijiet konġunti lill-avukat sottoskritt sabiex jirrappreżenthom it-tnejn li huma f'dawn il-proċeduri ta' hall ta' zwieg;

8) Illi, dawn il-fatti sopra citati jissodisfaw pienament il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ottjeniment tad-divorzju skont l-ahhar emendi li saru permezz tal-Att XXV tal-2021, ossia l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16, tal-Ligijiet ta' Malta, u dan hekk kif emendat bl-ismemmi Att;

Għaldaqstant, il-partijiet qeghdin umilment jitlobu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza u tippronunzja l-hall taz-zwieg tal-partijiet, ossia, PS u JS , u tiddikjara ż-żwieġ tagħhom, celebrat fid-disgha u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elf disa' mija disgha u tmenin (29/07/1989), maħlul ai termini tal-Artikoli 66A *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, u kif ukoll tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, u ghalhekk tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotazzjoni mehtiega f'dan is-sens fl-Att taz-Zwieg tal-partijiet, u dan taħt kull provvediment ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar id- 29 ta' Lulju 1989.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**